

Brussell, 27 ta' Lulju 2026
(OR. en)

12226/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2026/0228 (NLE)**

**ECOFIN 1056
UEM 375
FIN 1116
ECB
EIB**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	23 ta' Lulju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 412 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Greċja

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 412 final.

Mehmuż: COM(2026) 412 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.7.2026
COM(2026) 412 final

2026/0228 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Greċja

{SWD(2026) 252 final}

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Greċja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Wara li l-Greċja ppreżentat il-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (RRP) tagħha fis-27 ta' April 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Fit-13 ta' Lulju 2021, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni² (id-“Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021”). Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 ġiet emendata bid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2023³, tas-16 ta' Lulju 2024⁴, tal-21 ta' Jannar 2025⁵, tat-18 ta' Lulju 2025⁶, u tat-12 ta' Diċembru 2025⁷.
- (2) Fit-8 ta' Mejju 2026, il-Greċja għamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li parzjalment l-RRP ma għadux jista' jinkiseb, minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Fuq din il-bażi, il-Greċja ppreżentat RRP emendat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (3) L-emendi tal-RRP ppreżentati mill-Greċja minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 111-il miżura.

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>

² ST 10152/21 INIT; ST 10152/21 ADD 1.

³ ST 15831/23 REV1; ST 15831/23 ADD 1 REV 1.

⁴ ST 11858/24 INIT; ST 151858/24 COR 1; ST 151858/24 ADD 1; ST 151858/24 ADD COR 1.

⁵ ST 17055/24 INIT; ST 17055/24 ADD 1; ST 17055/24 ADD 1 COR 1.

⁶ ST 11101/25 INIT; ST 11101/25 ADD1.

⁷ ST 15754/25 INIT; ST 15754/25 ADD1.

- (4) Il-Greċja spjegat li miżura waħda ma għadhiex tista' tinkiseb, minħabba sfidi tekniċi mhux mistennija. Dan jikkonċerna l-miżura 16892 – Titjib tal-linja ferrovjarja suburbana tal-Attika tal-Punent. Abbażi ta' dan, il-Greċja talbet li din il-miżura titneħħa. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.
- (5) Il-Greċja spjegat li seba' miżuri parzjalment ma għadhomx jistgħu jinkisbu minħabba dewmien mhux mistenni relatat ma' proċeduri tal-akkwist pubbliku. Dan jikkonċerna l-miżura 16955 – Aġġornament tal-infrastruttura u s-servizzi tal-Cloud-computing tal-Infrastrutturi Nazzjonali għar-Riċerka u t-Teknoloġija (GRNET), il-miżura 16941 – Ristrutturar u mmarrar mill-ġdid tal-fergħat lokali tad-DYPA għall-promozzjoni tal-impjieg (KPA2), il-miżura 16794 – Tisħiħ tas-Sistema tal-Apprendistat, il-miżura 16795 – Infrastruttura tas-saħħa, il-miżura 16611 – Trasformazzjoni diġitali tal-awditi tat-taxxa, il-miżura 16536 – Aġġornament tal-infrastruttura u t-tagħmir tal-Ħażniet HOCRED, il-miżura 16931 – Żvilupp tat-Turiżmu. Abbażi ta' dan, il-Greċja talbet li daww il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.
- (6) Il-Greċja spjegat li disa' miżuri parzjalment ma għadhomx jistgħu jinkisbu minħabba domanda aktar baxxa milli kien mistenni. Dan jikkonċerna l-miżura 16872 – Rinnovazzjoni tal-enerġija fuq bini residenzjali, 16874 – Enerġija u intraprenditorija, il-miżura 16755 – Riforma tas-Sistema tal-Kura tas-Saħħa Primarja, il-miżura 16688 – Promozzjoni tal-integrazzjoni tal-popolazzjoni tar-refuġjati fis-suq tax-xogħol, il-miżura 16715 – Riforma tax-Xogħol fis-Settur Kulturali, il-miżura 16922 – Integrazzjoni Soċjali, il-miżura 16925 – Trasformazzjoni Diġitali tas-sistema ta' appoġġ soċjali, il-miżura 16919 – Protezzjoni tat-Tfal, il-miżura 16721 – Aċċellerazzjoni tal-manifattura intelliġenti. Abbażi ta' dan, il-Greċja talbet li daww il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.
- (7) Il-Greċja spjegat li miżura waħda parzjalment ma għadhiex tista' tinkiseb minħabba force majeure. Dan jikkonċerna l-miżura 16910 – Ġestjoni u monitoraġġ tal-protezzjoni ċivili. Abbażi ta' dan, il-Greċja talbet li din il-miżura tiġi emendata. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.
- (8) Il-Greċja spjegat li 24 miżura parzjalment ma għadhomx jistgħu jinkisbu minħabba sfidi tekniċi mhux mistennija. Dan jikkonċerna l-miżura 16831 – Produc-E Green, il-miżura 16875 – L-iżvilupp tal-infrastruttura u r-restawr tal-bini f'dik li qabel kienet il-proprjetà rjali f'Tatoi, il-miżura 16911 – Mezzi tal-Ajru għall-Ġestjoni tal-Kriżijiet, il-miżura 16742 – Trasformazzjoni diġitali tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin, il-miżura 16956 – Espansjoni ta' Syzefxis II, il-miżura 16706 – Trasformazzjoni Diġitali tal-SMEs, il-miżura 16676 – Trasformazzjoni diġitali tal-Edukazzjoni, il-miżura 16904 – Diżabbiltà, il-miżura 16934 – Titjib tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali, il-miżura 16291 – Trasformazzjoni Diġitali tal-Amministrazzjoni tat-Taxxa u tad-Dwana, il-miżura 16581 – Superviżjoni u affidabbiltà mtejbja tas-suq kapitali, il-miżura 16630 – L-Awtostrada tat-Tramuntana ta' Kreta (B.O.A.K.), il-miżura 16631 – Aġġornament tas-Sikurezza fit-Toroq, il-miżura 16912 – Tagħmir għat-tifi tan-nar u għall-prevenzjoni u r-rispons għan-nirien fil-foresti, il-miżura 16735 – L-użu ta' "arti bi preskrizzjoni", il-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali, u l-użu tal-ekonomija tal-fidda, il-miżura 16624 – Ħolqien, Espansjoni u Aġġornament tal-Infrastrutturi taċ-Ċentri ta' Riċerka Ssorveljati mis-Segretarjat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (GSRI), il-miżura 16833 – Implimentazzjoni tax-xogħlijiet ta' sikurezza fl-ajruporti, il-miżura

16486 – Mużew tal-antikitajiet taħt l-ilma, il-miżura 16851 – Protezzjoni tal-bijodiversità bħala xprunatur għat-tkabbir sostenibbli, il-miżura 16959 – Trasformazzjoni Diġitali tal-Ferroviji Elleniċi, il-miżura 16960 – Infrastruttura Intelliġenti b'enfasi ambjentali u kulturali, il-miżura 16975 – Interventi ta' Titjib għall-Portijiet Reġjonali, il-miżura 16543 – Azzjonijiet għas-simplifikazzjoni tal-ambjent tan-negozju u t-titjib tiegħu fil-kwalità u s-sikurezza, il-miżura 16626 – Trasformazzjoni ekonomika tas-Setturi Agrikoli u tal-Akkwakultura. Abbażi ta' dan, il-Greċja talbet li daww il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħteġ li tiġi emendata skont dan.

- (9) Il-Greċja spjegat li ġew emendati 18-il miżura biex jiġu implimentati alternattivi aħjar sabiex tinkiseb l-ambizzjoni oriġinali tagħhom. Dan jikkonċerna l-miżura 16870 – Interventi għall-interkonnnessjoni tal-elettriku tal-gżejjer u investimenti fin-network tal-elettriku, il-miżura 16285 – Strateġija Nazzjonali dwar l-Ilma, il-miżura 16725 – Titjib tal-edukazzjoni għolja tal-arti, il-miżura 16772 – Liġi dwar il-ġestjoni tal-iskart għar-rimi u r-riċiklaġġ sostenibbli f'landfills, il-miżura 16756 – Riformini Organizzattivi fis-Sistema tas-Saħħa, il-miżura 16400 – Programm ta' Akkomodazzjoni Affordabbli "My Home II", il-miżura 16402 – Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli, il-miżura 16292 – Binjiet ġudizzjarji ġodda u rinnovati, il-miżura 16575 – Aċċellerazzjoni tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja, il-miżura 16957 – Tisħiħ tal-kapaċità tas-sistema finanzjarja biex jingħelbu l-isfidi storiċi u tiġi ffinanzjata l-ekonomija reali, il-miżura 16618 – Riċerka Bażika u Applikata, il-miżura 16982 – Riforma organizzattiva fis-settur ferrovjarju, il-miżura 16403 – Injezzjoni ta' kapital fil-Bank Elleniku għall-Iżvilupp, il-miżura 16990 – Riforma tal-kapaċità tal-grilja u tal-ħżin 16993 – Pjan direzzjonali għal interventi innovattivi fl-effiċjenza enerġetika u l-identifikazzjoni ta' strumenti finanzjarji ġodda, il-miżura 16994 – Effiċjenza fl-enerġija u promozzjoni tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli għall-awtokonsum, il-miżura 16293 – Il-Kultura bħala mutur tat-tkabbir, il-miżura 16824 – Reġistri elettroniċi. Abbażi ta' dan, il-Greċja talbet li daww il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħteġ li tiġi emendata skont dan.
- (10) Il-Greċja spjegat li ġew emendati 41 miżura biex jiġu implimentati alternattivi aħjar li jippermettu li jitnaqqas il-piż amministrattiv u tiġi ssimplifikata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, filwaqt li xorta jintlaħqu l-oġettivi ta' daww il-miżuri. Dan jikkonċerna l-miżura 16899 – Substazzjonijiet ta' Vultaġġ Għoli/Vultaġġ Medju tal-Operatur tan-Network Elleniku tad-Distribuzzjoni tal-Elettriku (HEDNO), il-miżura 16900 – Network tal-linji elettriċi fl-ajru tal-Operatur tan-Network Elleniku tad-Distribuzzjoni tal-Elettriku (HEDNO), il-miżura 16404 – Programm ta' Żvilupp għall-Gvern Lokali "Antonis Tritsis", il-miżura 16736 – Sistema ġdida għall-akkwist pubbliku, il-miżura 16485 – Rotot Kulturali f'Siti u Monumenti Arkeoloġiċi, il-miżura 16792 – Għoti tal-ħiliet, taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol permezz ta' mudell ta' taħriġ riformat (Riforma tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali), 16926 – Appoġġ għall-installazzjoni ta' sistemi ta' ħżin biex tissaħħaħ il-penetrazzjoni tar-RES, il-miżura 16873 – Interventi f'żoni residenzjali u fl-istokk tal-bini, il-miżura 16932 – Ċentru Atletiku Olimpiku ta' Atena, il-miżura 16924 – Elettromobbiltà, il-miżura 16850 – Infrastrutturi tal-Provvista u l-Iffrankar tal-Ilma tax-Xorb, il-miżura 16854 – Bliet intelliġenti, il-miżura 16750 – Trasformazzjoni Diġitali tas-Sistemi tax-Xogħol, il-miżura 16942 – Trasformazzjoni diġitali tas-servizz pubbliku tal-impjiegi (DYPA), il-miżura 16933 – Titjib tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (VET): Xiri ta' tagħmir tal-laboratorju għal-laboratorji tal-unitajiet tal-VET, il-miżura 16746 – Riforma tal-Politiki Passivi tas-Suq tax-Xogħol biex jiġu appoġġati t-Tranżizzjonijiet lejn l-Impjiegi, il-miżura 16747 – Riforma Attiva tal-Politiki tas-Suq tax-Xogħol, il-

miżura 16752 – Trasformazzjoni diġitali tas-saħħa (DigHealth), il-miżura 16753 – Stabbiliment ta' sistemi tal-Kura tas-Saħħa fid-Dar u tal-Isptar fid-Dar, il-miżura 16757 – Ċentru tar-Radjuterapija fl-Isptar tal-Mard Toraçiku “Sotiria” ta’ Ateni, il-miżura 16727 - Trasformazzjoni Diġitali tal-Ġustizzja (Ġustizzja Elettronika), il-miżura 16580 - Twettiq tal-qafas unifikat ġdid ta’ insolvenza għar-ristrutturar tad-dejn u t-tieni opportunità, il-miżura 16711 – Professjonalizzazzjoni tad-dominju tal-Akkwist Pubbliku, il-miżura 16952 – Tisħiħ tal-qafas nazzjonali kontra l-korruzzjoni, il-miżura 16974 – Riforma tal-Kontabbiltà, il-miżura 16972 – Riforma tal-Amministrazzjoni Pubblika, il-miżura 16622 – ORIZZONT 2020 “Siġill tal-Eċċellenza”: il-finanzjament tal-kumpaniji innovattivi ewlenin, il-miżura 16654 – TH2ORAX: Trellis Holistic & Hybrid Operational Ruggedised Autonomous eXemplary system, il-miżura 16971 – Riċerka – Ħolqien – Innovazzjoni, il-miżura 16433 – Protezzjoni ta’ monumenti kulturali u siti arkeoloġiċi mit-tibdil fil-klima, il-miżura 16435 – Restawr – Konservazzjoni – Titjib tal-Monumenti tal-Akropoli, il-miżura 16634 – Parks Industrijali, il-miżura 16921 – Taħriġ mill-Ġdid u Titjib tal-Ħiliet fit-Turiżmu, il-miżura 16949 – Pontijiet Intelliġenti, il-miżura 16593 – Emenda tal-qafas legali għall-attrazzjoni ta’ investiment strateġiku, il-miżura 16989 – Ottimizzazzjoni tal-użu tal-ispazju tal-art u tal-baħar għall-iżvilupp tar-RES u l-iżvilupp tal-enerġija eolika lil hinn mill-kosta, il-miżura 16991 – Qafas regolatorju lejn grilja intelliġenti, il-miżura 16992 – Għodda għall-promozzjoni tal-kondiviżjoni tal-enerġija, l-awtokonsum u l-Komunitajiet tal-Enerġija rinnovabbli, il-miżura 16995 – Proġett tal-Produzzjoni tal-Idroġenu Rinnovabbli. Barra minn hekk, il-Greċja talbet li tgħaqqad il-miżura 16827 – Strateġija dwar il-governanza tad-data u politiki għas-settur pubbliku mal-miżura 16928 – Inkorporazzjoni ta’ teknoloġiji u xejriet ġodda lejn is-servizzi avanzati tal-Amministrazzjoni Pubblika. Abbażi ta’ dan, il-Greċja talbet li dawk il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (11) Wara t-tneħħija/it-tnaqqis fil-livell ta’ implimentazzjoni tal-miżuri f’konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Greċja talbet li tuża r-riżorsi liberati bit-tneħħija tal-miżuri u t-tnaqqis fil-livell ta’ implimentazzjoni tal-miżuri biex iżżid żewġ miżuri ġodda (il-Miżura 16880 – Kontribuzzjoni ta’ DES ADMIE għaż-żieda fil-kapital azzjonarju tal-IPTO għall-faċilitazzjoni tal-interkonnessjonijiet u t-titjib tan-network tal-elettriku b’vultaġġ għoli (HV), il-Miżura 16859 – Kontribuzzjoni volontarja għall-Impriża Konġunta EuroHPC għall-Gigafabbrika tal-IA) u żżid il-livell ta’ implimentazzjoni ta’ 10 miżuri. Dan jikkonċerna l-miżura 16401 – Programm ta’ Aġġornament tal-Enerġija “Upgrade My Home”, il-miżura 16846 – Infrastrutturi għall-Ġestjoni tal-Ilma Urban Mormi u tal-Ħama mit-Trattament tal-Ilma Mormi, il-miżura 16983 – Spezzjoni preliminari tar-reżistenza siżmika tal-bini, il-miżura 16855 – “Satelliti żgħar”, il-miżura 16783 – Implimentazzjoni tal-Programm Nazzjonali għall-Prevenzjoni tas-Saħħa Pubblika “Spiros Doxiadis” (NPP “SD”), il-miżura 16628 – l-Awtostrada E-65 tal-Greċja Ċentrali: It-Taqsima Trikala-Egnatia, il-miżura 16293 – Il-kultura bħala mutur tat-tkabbir, il-miżura 16879 – Tħejjija tal-pjanijiet urbani fl-implimentazzjoni tar-riforma tal-politika urbana, il-miżura 16999 – Restawr tal-aċċessibbiltà wara l-effetti devastanti tal-maltempati “DANIEL” u “ELIAS”, il-miżura 16980 – Faċilità tas-Self. Abbażi ta’ dan, il-Greċja talbet li jiżdied il-livell ta’ implimentazzjoni ta’ tmien miżuri u li jiżdiedu tliet miżuri ġodda. Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

Distribuzzjoni tal-istadji importanti u l-miri

- (12) Id-distribuzzjoni tal-istadji importanti u l-miri f'pagamenti parzjali jenħtieġ li tiġi emendata biex tqis l-emendi għall-RRP u l-iskeda ta' żmien indikattiva ppreżentata mill-Greċja.

Korrezzjonijiet ta' żbalji klerikali

- (13) Ġew identifikati żewġ żbalji klerikali fit-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, li jaffettwaw żewġ stadji importanti/miri taħt komponent wieħed. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tiġi emendata biex tikkoreġi dawn l-iżbalji klerikali li ma jirriflettux il-kontenut tal-RRP ippreżentat lill-Kummissjoni fis-27 ta' April 2021, kif miftiehem bejn il-Kummissjoni u l-Greċja. Dawk l-iżbalji klerikali huma relatati mad-deskrizzjonijiet tal-miri 157 u 158 taħt il-miżura 16816 – Tnaqqis tar-restituzzjoni u razzjonalizzazzjoni tan-nefqa fuq il-kura tas-saħħa, taħt il-komponent 3.3 – Titjib tar-reżiljenza, l-aċċessibbiltà u s-sostenibbiltà tal-kura tas-saħħa. Dawn il-korrezzjonijiet ma jaffettwawx l-implimentazzjoni tal-miżuri kkonċernati.

Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (14) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

La tagħmilx ħsara sinifikanti

- (15) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (d), u mal-Anness V, il-kriterju 2.4, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat huwa mistenni jiżgura li l-ebda miżura (klassifikazzjoni A) għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment inklużi fl-RRP ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸ (il-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”).
- (16) L-RRP emendat jivvaluta l-konformità mal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” skont il-metodoloġija stabbilita fil-gwida teknika pprovduta fl-Avviż tal-Kummissjoni “Gwida teknika dwar l-applikazzjoni ta' “la tagħmilx ħsara sinifikanti” skont ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza”. Il-valutazzjoni ssir b'mod sistematiku għal kull riforma u investiment modifikati skont l-approċċ f'żewġ stadji. Il-valutazzjoni tikkonkludi li għall-miżuri modifikati kollha, ma hemm l-ebda riskju ta' ħsara sinifikanti. Fejn meħtieġ, ir-rekwiżiti tal-valutazzjoni tal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” huma minquxa fit-tfassil ta' miżura u speċifikati fi stadju importanti jew mira ta' din il-miżura. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta, jista' jiġi konkluż li l-ebda miżura ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852.

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità

- (17) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u l-kriterju 2.5 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-bieċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 39,8 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat u 100 % tal-kostijiet stmati totali tal-miżuri fil-kapitolu REPowerEU

⁸ Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2020/852/oj>).

kkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021–2030.

- (18) L-RRP emendat isostni miżuri li jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika li jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-miri tal-2030-2050 u l-oġettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni sal-2050, kif ukoll għat-trawwim tal-bijodiversità. Pereżempju, taħt il-miżura 16994 huwa mistenni li 117 455 ħiter tal-ilma solari u 22 500 pompa tas-sħana se jinkisbu mill-unitajiet domestiċi, inklużi miri speċifiċi stabbiliti għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli.

Kontribut għat-tranżizzjoni diġitali

- (19) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u l-kriterju 2.6 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi diġitali jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 25,2 % tal-allokkazzjoni totali tal-RRP emendat ikkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII ta' dak ir-Regolament.
- (20) Il-miżuri fl-RRP emendat ikomplu jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni diġitali jew jgħinu jindirizzaw l-isfidi relatati u jindirizzaw b'mod pożittiv in-nuqqasijiet tal-Greċja fil-qasam diġitali kif identifikati fir-raba' rapport tal-2026 dwar l-Istat tad-Deċennju Diġitali. L-RRP emendat ikompli jindirizza b'mod sinifikanti l-isfidi tat-tranżizzjoni diġitali li qed tiffaċċja l-Greċja fl-oqsma tal-konnettività, tas-servizzi pubbliċi diġitali, tal-kapital uman u l-ħiliet diġitali, id-diġitalizzazzjoni tan-negozji u l-adozzjoni ta' teknoloġija diġitali avvanzata.

Kostijiet

- (21) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i), u l-kriterju 2.9 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP emendat dwar l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP hija moderatament (klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.
- (22) Il-Greċja tat biżżejjed informazzjoni u evidenza li l-kostijiet stmati ma kinux koperti mill-finanzjament eżistenti jew ippjanat tal-Unjoni. Madankollu, f'għadd limitat ta' każijiet, l-istimi tal-kostijiet ma setgħux jiġu sostanzjati biżżejjed. B'mod ġenerali, dan jiġġustifika klassifikazzjoni ta' B skont il-kriterju ta' valutazzjoni tal-Artikolu 19(3), il-punt (i), tar-Regolament (UE) 2021/241. Fl-aħħar nett, l-ammont tal-kostijiet totali stmat tal-RRP huwa f'konformità mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u proporzjonali mal-impatt nazzjonali, ekonomiku u soċjali mistenni.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' valutazzjoni

- (23) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi ppreżentati mill-Greċja ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilit fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għall-Greċja rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (b), (c), (da), (db), (g), (h), (j) u (k).

Miżuri li jappoġġaw operazzjonijiet ta' investment li jikkontribwixxu għall-oġettivi tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP)

- (24) F'konformità mal-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) 2024/795, il-Greċja qieset bħala kwistjoni ta' prijorità proġetti li ngħataw Siġill tas-Sovranità skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2024/795. Madankollu, il-Greċja qieset li l-ebda proġett li ngħata Siġill tas-Sovranità ma kellu jiġi inkluż fl-RRP emendat minħabba li l-iskeda ta' żmien tiegħu tmur lil hinn mill-2026.

Valutazzjoni pożittiva

- (25) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat, fejn instab li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont li għandu jkun disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (26) Il-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat tal-Greċja huma EUR 36 113 375 270. Peress li l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP emendat huwa oġġett mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għall-Greċja, il-kontribuzzjoni finanzjarja ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹, u mal-Artikolu 20(4) u l-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241 li hija alllokata għall-RRP emendat għall-Greċja jenħtieġ li tkun uguali għal EUR 18 220 378 076. Għalhekk, il-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-Greċja tibqa' l-istess.

Self

- (27) L-appoġġ fil-forma ta' self disponibbli għall-Greċja li jammonta għal EUR 17 727 538 920 jibqa' l-istess.
- (28) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għall-Greċja jenħtieġ għalhekk li tiġi emendata skont dan. Għal raġunijiet ta' ċarezza, jenħtieġ li l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jiġi sostitwit kompletament.
- (29) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kwalunkwe proċedura relatata mal-għoti ta' fondi tal-Unjoni skont kwalunkwe programm tal-Unjoni ħlief għall-Faċilità jew għal proċeduri relatati ma' distorsjonijiet tal-operat tas-suq intern li jistgħu jitwettqu, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Hija ma twarrabx il-ħtieġa li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta' għajjnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP emendat għall-Greċja abbażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata.

⁹ Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1755/oj>).

Artikolu 2
Emendi

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Greċja hija emendata kif ġej:

L-Anness huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3
Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ellenika.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President